MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 42/2011

**A B C**
**vs**
**D C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewgu fil-21 ta’ Ottubru 2005, u f’dan iz-zwieg ma tweldux tfal; li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [c], [d] u [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta; li ghalhekk iz-zwieg huwa null fil-ligi; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li biha jeccepixxi li m’hemmx ragunijiet li jirrendu dan iz-zwieg null u minghajr pregudizzju ghal dan jekk jinsabu ragunijiet hu m’ghandux responsabbilita’ ghan-nullita’;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fil-21 t'Ottubru 2005 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

Minn naha tieghu l-konvenut, fl-ewwel lok qed jikkontesta n-nullita' taz-zwieg, u alternattivament, qed jikkontesta r-responsabbilita' tan-nullita'.

**Il-Fatti**
Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fil-21 t'Ottubru 2005 meta allura l-attrici kellha 24 sena u l-konvenut kellu 30 sena, u wara li kienu ilhom johrogu flimkien circa disgha snin. Wara konvivenza ta' circa hames snin, huma sseparaw de facto.

L-attrici ssostni li fl-gherusija kien kollox sejjer tajjeb, kienu johorgu flimkien, u l-konvenut kien jitrattaha tajjeb. Hija tghid ukoll li kien ihallas il-konvenut u jagevolaha, "*meta kien ikolli xi ezamijiet kien jigi ghalija u jagevolani... konna nohorgu flimkien ... immorru nieklu dejjem flimkien u dejjem ihallas hu minn jeddu, dejjem kien ihallasli u jidher li jhobbni... dejjem jiehu hsieb li meta jkolli xi okkazzjoni dejjem jixtrili xi rigali sbieh. Fil-graduation niftakar li kien xtrali choker sabieh tad-djamanti... parigg ic-curkett tas-solitaire li kien xtrali ghal Christmas*"[1]. Wara tmien snin l-attrici tghid li bdiet tinsisti mal-konvenut biex jizzewgu, u ghalkemm inizjalment dan kien jidher rezistenti, eventwalment accetta li jmorru l-kors ta' Kana; u tgharrsu

[1] Vide fol. 12 tal- process para 2 u 3.

u zzewgu.  L-attrici tghid li, l-konvenut accetta li jizzewweg minhabba pressjonijiet li kellu dwar l-eta` tieghu u ghax donnu kien il-pass li jmiss.

Il-partijiet iffirmaw separazzjoni tal-beni fid-29 t'Awwissu 2005, u cjoe ftit anqas minn xahrejn qabel ma zzewgu. Dan, fuq insistenza tal-konvenut sabiex tigi salvagwardjata l-istess attrici minn azzjonijiet li setghu jingibu kontra taghha minhabba n-negozji tal-konvenut mentri l-attrici hija konvinta li dan ghamlu minhabba l-interess esagerat li l-konvenut kellu fil-flus.  Da parti tieghu l-konvenut jghid li kienu ilhom zmien twil jiddiskutu dwar dan il-kuntratt.

L-attrici tilmenta li kien biss wara z-zwieg li l-konvenut tbiddel[2], kien kollox kif jiddetta hu, kien igieghla tekonomizza b'mod mhux normali fid-dawl u l-ilma[3], tghid li "*darba minnhom ghax kont insejt id-dawl tal-kuritur jixghel ghal zmien twil u dahal id-dar u rah mixghul, kien tant qabad jirrabja li qabad u ta daqqa ta ponn lil bieb ta' l-ispare bedroom u kissru fin-*nofs".  Inoltre, izzid tghid li l-konvenut ma kien qatt inaddaf warajh u kien jippretendi li taghmel kollox martu ghax fid-dar t'ommu hekk kien imdorri[4].

L-ilmenti ta' l-attrici jkompli f'dak li ghandu x'jaqsam mal-fatti li tghid li l-konvenut kien jghidilha li hi hoxna, mentri ma kinitx, u jghidilha x'ghandha tiekol jew le.  Inoltre, a differenza ta' l-gherusija, fiz-zwieg il-konvenut kien irid jaqsam kollox nofs bin-nofs anke jekk imorru jieklu barra, il-kont jithallas bil-credit card sabiex wara jinqasam bin-nofs u dak li tonfoq hi kellha thallsu tieghu.

Fir-rigward tal-hajja intima taghhom, l-attrici ssostni li qatt ma ghamlu l-att komplut[5] la qabel iz-zwieg u anqas wara. Hija ssostni li fil-bidu ddeciedew li jistennew sentejn qabel ma jkollhom it-tfal izda wara, minhabba l-komportament

---

[2] "*Il-hajja mizzewga tatni daqqa ta' harta fis-sens li lanqas biss kien jaf x'jigifieri tkun ragel mizzewweg*" Fol 42 u 42 tal-process

[3] Vide fol. 17 tal-process, para. 45 et seq.

[4] Vide fol. 15 tal-process para30 et seq.

[5] "*qatt ma ghamilna full intercourse*".  Fol. 21 para 81 tal-process.

tal-konvenut u minhabba li l-attrici marret tahdem barra minn Malta, hija ma riedetx tfal.

L-attrici marret tahdem fi Sqallija ghall-ahhar circa sentejn u nofs tal-konvivenza tal-partijiet, fejn gieli mar izurha l-konvenut u gieli kienet tigi fi tmiem il-gimgha.

Il-konvenut jikkontesta n-nullita` ta' dana z-zwieg u jsostni li "*id-decizjoni taz-zwieg hadniha flimkien u b'liberta` shiha. Din id-decizjoni ma ssawritx fi ftit jiem, u Ann B kellha l-hin kollu mehtieg – jigiefieri s-snin – sabiex tidhol ghall-hajja taz-zwieg flimkien mieghi*"[6]. Ghalhekk il-konvenut jemmen li m'hemm l-ebda bazi sabiex dan iz-zwieg jigi xolt.

Fir-rigward tat-tfal il-konvenut jghid li "*Ahna konna nitkellmu dwar meta eventwalment ikollna t-tfal u fil-fatt kien proprju ghalhekk li wara li zzewwigna anke xtrajt plot biex nibnu dar kbira u cioe` akbar mill-flat li kont nikri m'ghand ommi. Il-fatt li xtaqna t-tfal kien jezisti kemm qabel iz-zwieg kif ukoll wara li zzewwigna. Infatti xi sena ilu ohti qaltli li xi zmien ilu, waqt li konna ghadna mizzewgin, omm Ann B kient iltaqghet maghha f'funeral u qaltilha li probabbli Ann B kienet harget tqila*"[7]. Inoltre, il-konvenut jichad li ma kienux jaghmlu l-att komplut[8].

Il-konvenut issostni fiz-zwieg huwa kkontribwixxa kemm finanzjarjament kif ukoll moralment u appogga lill-martu "*biss biss tajtha sentejn u nofs wahdi d-dar, hi tahdem barra minn Malta, jigifieri jien kont noqghod mit-tnejn sal-gimgha d-dar wahdi biex nara lilha tavvanza*"[9]. Inoltre, il-konvenut jichad li b'xi mod kien igieghel lill-martu taghmel ekonomija esagerata fid-dawl u l-ilma[10] u jiggustifika l-fatt li kien jitlobha l-flus ta' certu affarjiet minhabba l-fatt li jghid li, filwaqt li l-paga tieghu kienet ta' €20,000 dik ta' l-attrici kienet ta' €60,000[11].

---

[6] Vide fol. 72 tal-process.
[7] Ibid.
[8] Vide fol. 77 tal-process.
[9] Vide fol. 79 tal-process.
[10] Vide fol. 82 tal-process.
[11] Vide fol. 89 tal-process.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Mill-provi jirrizulta li matul l-gherusija twila li kellhom il-partijiet, ir-relazzjoni ta' bejniethom kienet wahda serena u felici.

Illi l-ilmenti li ghamlet l-attrici fil-konfront tal-konvenut huma kontraddetti mill-konvenut u mix-xhieda tieghu; u mill-provi ma jirrizultax sodisfacentement provat li dawn kienu jezistu qabel, u fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali. Ma jirrizultax provat li f' dan il-mument il-kunsens tal-konvenut, jew ta' l-istess attrici, kien vizzjat fit-termini tal-artikoli precitati.

Ma jirrizultax li f' dak il-mument l-partijiet kienu effetti minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq l-elementi essenzjali taz-zwieg. Huma ghexu flimkien ghal circa hames snin, u kienu zzewgu bl-iskop li jibnu familja u jkollhom l-ulied; u kien biss matul il-konvivena li l-attrici ddecidiet li ma jkollhiex tfal fiz-zwieg, u dan meta hi kienet tkun imsiefra fuq xoghol. Lanqas jirrizulta li l-konvenut tqarraq bl-attrici dwar xi kwalita' inerenti fih, jew li eskluda xi obbligu essenzjali ghaz-zwieg. Dak li rrizulta car hu li, wara xi zmien li l-attrici kienet marret tahdem barra minn Malta, hija bdiet tara l-hajja matrimonjali bejn il-partijiet minn lenti differenti minn qabel, bir-rizultat li r-relazzjoni matrimonjali ddegenerat u pprecipitat fis-separazzjoni de facto bejniethom.

Inoltre, jigi osservat li din il-Qorti, li semghet lill-partijiet taghti affidament lill-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-konvenut.

Illi f' dan il-kaz hemm jirrizulta li hemm provi kontrastanti u konfligenti dwar il-punti l-aktar essenzjali, u l-attrici ma rnexxiliex iggib provi sufficjenti sabiex turi li l-kunsens tal-partijiet jew ta' xi parti kien vizzjat skond l-artikoli tal-ligi precitati.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li t-talbiet attrici mhumiex gustifikati fil-fatt u fid-dritt, peress li ma jsibux sostenn fil-provi, u ma jimmeritawx li jigu milqugha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad t-talba attrici; bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------